

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tat-12 ta' Lulju 2019 — MAN Truck & Bus vs EUIPO — Halla Holdings (MANDO)

(Kawża T-792/17) ⁽¹⁾

(“*Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva MANDO — Trade marks internazzjonali u nazzjonali figurattivi preċedenti MAN — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti Man — Raġuni relativa għal rifiut — Assenza ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001)*”)

(2019/C 305/53)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: MAN Truck & Bus (München, il-Ġermanja) (rappreżentant: C. Röhl, avukat)

Konvenut: L-Uffċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment J. Ivanauskas u D. Walicka, sussegwentement J. Ivanauskas u H. O'Neill, aġġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ĝeneralni: Halla Holdings Corp. (Yongin-si, il-Korea t'Isfel) (rappreżentanti: M.-R. Hirsch u C. de Haas, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' Settembru 2017 (Każ R 1677/2016-1), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Man Truck & Bus u Halla Holdings.

Dispożittiv

- 1) *Id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-14 ta' Settembru 2017 (Każ R 1677/2016-1) hija annullata sa fejn hija kkonkludiet li ma hemmx probabbiltà ta’ konfużjoni bejn it-trade mark figurattiva MANDO u r-reġistrazzjoni internazzjonali preċedenti Nru 863 418 tat-trade mark figurattiva MAN.*
- 2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*
- 3) *Kull parti għandha tħalli l-ispejjeż propriji tagħha.*

⁽¹⁾ ĠU C 42, 5.2.2018.